PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat ghal-Libertajiet Civili, il-Gustizzja u l-Intern

PROVIZORJU
2007/0072(CNS)

12.6.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1997, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea
(COM(2007)0218 – C6-0156/2007 – 2007/0072(CNS))

Kumitat ghal-Libertajiet Civili, il-Gustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jörg Leichtfried

Tifsira tas-simboli uzati

*	Procedura ta' konsultazzjoni *maggoranza tal-voti mitfugha*
**I	Procedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maggoranza tal-voti mitfugha*
**II	Procedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *magġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maggoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tigi michuda jew emendata l-pozizzjoni komuni*
***	Procedura ta' kunsens *maggoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-kazi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Procedura ta' kodecizjoni (l-ewwel qari) *maggoranza tal-voti mitfugha*
***II	Procedura ta' kodecizjoni (it-tieni qari) *magġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maggoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tigi michuda jew emendata l-pozizzjoni komuni*
***III	Procedura ta' kodecizjoni (it-tielet qari) *maggoranza tal-voti mitfugha, sabiex jigi approvat it-test kongunt*

(It-tip ta' procedura jiddependi mill-bazi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi ghal test legizlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni ghas-servizzi teknici li turi partijiet tat-test legizlattiv li ghalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tghin fil-preparazzjoni tat-test finali (perezempju, zbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suggetti ghall-qbil tas-servizzi teknici involuti.

WERREJ

Pagna

ABBOZZ TA' RIZOLUZZJONI LEGIZLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIZLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1997, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2007)0218 – C6-0156/2007 – 2007/0072(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1997, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3(2)(c)) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2007)0218)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0156/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ghal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-GU.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Att ta' l-2005 ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija[1] introduċa sistema simplifikata għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-konvenżjonijiet (u protokolli) konklużi mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' l-Art. 34 TEU (dak li kien l-Art. K.3 TEU) jew l-Art. 293 KE. Fil-fatt m'għadx hemm ħtieġa aktar, kif kien il-każ fil-passat, li jiġu negozjati u konklużi protokolli speċifiċi ta' adeżjoni għall-dawn il-konvenzjonijiet (li kieni jimplikaw ratifika minn 27 Stat): L-Artikolu 3(3) ta' l-Att jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija sempliċiment jaderixxu ma' dawn il-konvenzjonijiet u protokolli permezz ta' l-Att ta' Adeżjoni.

L-Artikolu 3(3) u 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprevedi li, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jiddetermina d-data li fiha dawn il-konvenzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija u sabiex jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa għal dawn il-konvenzjonijiet rikjesti permezz ta' l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri l-ġodda (li jinkludu, fi kwalunkwe każ, l-adozzjoni ta' dawn il-konvenzjonijiet fil-lingwi tal-Bulgarija u tar-Rumanija, sabiex dawn il-verżjonijiet ikunu jistgħu jkunu "ugwalment awtentiċi"). Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew biss**.**

L-Anness I ta' l-Att ta' Adeżjoni jagħti l-lista ta' sebgħa konvenzjonijiet u protokolli konċernati fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni.

Il-lista tinkludi l-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1997, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċizjoni tal-Kunsill hija maħsuba biss biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni msemmija hawn fuq, skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni.

[1] ĠU 21.6.2005, L 157, p. 203